# Ħożż fl-Ilma

## Il-Kitba, il-Kotba u l-Qari

Dr. Adrian Grima

*Għal din l-24 edizzjoni tal-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb talab lil Dr. Adrian Grima, li jgħallem il-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta u huwa involut sew fil-promozzjoni tal-letteratura f'Malta u barra minn Malta, biex jagħmel diskors dwar il-qari u l-promozzjoni tal-kotba. Dan l-artiklu jagħti l-istatistika ewlenija li fuqu Dr. Grima bbaża d-diskors tiegħu.*

Żewġ rapporti differenti dwar il-qari mhux obbligatorju ta' kotba fil-ħin liberu, wieħed ippubblikat fl-2002 u l-ieħor fl-2007, juru li n-nies fit-Tramuntana tal-Ewropa jaqraw iżjed minn dawk fin-Nofsinhar. L-inqas li jaqraw kotba fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huma l-Maltin (45%). Minbarra l-Maltin, marru ħażin ukoll il-Portugiżi (50%), iċ-Ċiprijotti (56%), ir-Rumeni (58%), u l-Ispanjoli u l-Griegi (59%). Fl-Italja l-persentaġġ kien ta' 63%, kważi 20% iktar minn Malta. Fl-Iżvezja (87%), l-Olanda (84%), id-Danimarka (83%), ir-Renju Unit (82%), ir-Repubblika Ċeka (82%), il-Ġermanja (81%), u l-Islovakkja (80%), il-qarrejja ta' mill-inqas ktieb wieħed laħqu jew qabżu t-80%. Jidher ċar li

> *citizens from Northern European countries feature particularly prominently with regards to participating in cultural activities. As an overall pattern, we also see that the Baltic countries – and especially Estonia – also show high participation rates for certain activities.*

Ir-rapport speċjali tal-Ewrobarometru ppubblikat fl-2007 juri li medja ta' 71% fil-mija tan-nies fis-27 pajjiż tal-UE qraw mill-inqas ktieb wieħed f'sena – it-tieni l-iktar attività kulturali popolari fost in-nies kollha – u iktar minn nofs dawk l-Ewropej li qraw imqar ktieb wieħed f'sena, jiġifieri 37% tal-kampjun kollu, qraw iktar minn 5 kotba f'sena. F'Malta 19% biss qalu li qraw iktar minn ħames kotba f'sena, nofs il-medja Ewropea; 10% qalu li qraw bejn tlieta u ħames kotba, waqt li 16% qalu li qraw mhux iżjed minn żewġ kotba.

Statistika interessanti oħra dwar il-qari u l-kotba marbuta mal-libreriji tikkonferma r-riżultati xejn sbieħ tal-Maltin. L-istudju tal-2007 juri li medja ta' 35% tal-Ewropej żaru librerija pubblika mill-inqas darba u 16% marru iktar minn ħames darbiet. F'Malta 75% tan-nies ma resqux lejn librerija pubblika. 24% marru mill-inqas darba; fosthom kien hemm 9% li marru iktar minn ħames darbiet.

L-istħarriġ fuq il-qari f'Malta għar-rapport tal-UE tal-2007, ikkummissjonat mid-Direttorat tal-Komunikazzjoni Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, sar permezz ta' 500 intervista lil nies ta' 'l fuq minn 15-il sena magħmulin mill-kumpanija MISCO bejn l-14 ta' Frar u t-13 ta' Marzu 2007; il-popolazzjoni ta' Maltin ta' dik l-età kienet ta' 321,114 ruħ. L-intervisti saru wiċċ imb'wiċċ u bil-lingwa tal-persuna li kienet qed

tiġi intervistata. Il-kampjuni fis-27 pajjiż l-ieħor kienu ta' 500 jew madwar 1000 ruħ, jiġfieri fil-każ ta' Malta kien kampjun relattivament kbir ħafna.

L-iktar attività kulturali popolari fost iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma x-xandiriet kulturali fuq it-televiżjoni jew fuq ir-radju (78%). 46% tan-nies kienu "konsumaturi spissi" għax raw jew semgħu dawn il-programmi iktar minn ħames darbiet. Skond ir-rapport, *"These high figures are no doubt linked to the fact that listening to or watching such a broadcast is one of the most 'passive' ways of consuming culture, not requiring respondents to leave their homes."*

Jidher li n-nisa jaqraw iktar mill-irġiel: 74% tan-nisa kollha u 67% tal-irġiel qraw imqar ktieb wieħed (min-naħa l-oħra, 53% tal-irġiel raw l-isports imqar darba fuq it-televiżjoni, waqt li n-nisa kienu biss 29%). Din it-tendenza favur il-konsum tal-kultura min-naħa tan-nisa tidher ukoll f'oqsma oħrajn, fosthom l-użu tal-libreriji pubbliċi: 37% tan-nisa kollha żaru librerija pubblika kontra 32% tal-irġiel.

Fejn jidħlu l-attivitajiet kulturali, l-iktar li jħobbu jagħmlu ż-żgħażagħ Ewropej ta' bejn il-15 u l-24 sena (82%) huwa li jaqraw il-kotba u jmorru ċ-ċinema; u fost l-Ewropej ta' bejn il-25 u d-39 sena, il-qari huwa l-iktar attività kulturali popolari. L-istatistika dwar iż-żgħażagħ li jaqraw hija interessanti, fost l-oħrajn għax hemm ħafna iktar żgħażagħ li jaqraw milli nies ta' 'l fuq minn 55 sena (63%). Dan minkejja li studju kwalitattiv tal-2006 sab li hemm il-perċezzjoni fost in-nies li l-"kultura letterarja" qed tmajna fost iż-żgħażagħ minħabba li għandhom l-internet u midja awdjo-viżiva.

Qari tal-kotba

| Età | 15-24 | 25-39 | 40-54 | 55+ |
|---|---|---|---|---|
| Persentaġġ li qraw | 82% | 72% | 74% | 63% |

Marru Ċinema

| Età | 15-24 | 25-39 | 40-54 | 55+ |
|---|---|---|---|---|
| Persentaġġ li marru | 82% | 66% | 53% | 24% |

Marru Librerija

| Età | 15-24 | 25-39 | 40-54 | 55+ |
|---|---|---|---|---|
| Persentaġġ li marru | 55% | 38% | 33% | 24% |

Skond studju tal-2006 dwar il-valuri kulturali fis-27 stat membru tal-UE, meta tistaqsi lill-Ewropej dwar il-kultura, ħafna jsemmu l-qari qabel ma ssemmihulhom int. Il-gruppi soċjo-ekonomiċi ogħla għandhom tendenza jsemmu l-qari mill-ewwel; dawk fi gruppi soċjo-ekonomiċi iktar 'l isfel aktarx isemmu l-qari iktar tard jew ftit li xejn. In-nies sikwit isemmu l-qari jew jgħidu li jixtiequ li jaqraw iżjed, imma fl-aħħar mill-aħħar jaqraw inqas. Madankollu huwa ċar li l-qari huwa attività kulturali meqjusa bħala ta' valur kbir min-nies u għalhekk tniggiżhom il-kuxjenza meta ma jaqrawx jew jaqraw ftit. Meta jitkellmu dwar il-qari tal-kotba n-nies spiss isemmu n-nuqqas ta' ħin,

l-istress, l-għeja u x-xogħol, imma jsemmu wkoll il-ġibda ta' forom ta' mistrieħ jew divertiment iktar faċli u passivi, bħat-televixin, l-internet u l-qari ta' gazzetti u magażins. In-nies isemmu l-problema tal-prezz tal-kotba imma mbagħad ma jsemmux il-libreriji jew l-iskemi ta' self ta' kotba. *"For some "big" readers, reading is described as a vital daily need. Women seem to be slightly keener on reading than men."* Għalkemm il-qari tal-kotba jinsab nofs triq bejn l-għarfien fuq naħa u l-mistrieħ u d-divertiment fuq in-naħa l-oħra, u minkejja li kultant huwa faċli (bħar-rumanzi tad-ditektivs jew tal-ajruporti), xorta waħda huwa assoċjat ma' għażla ħielsa u jitlob sforz; in-nies iqisu l-qari tal-kotba bħala proċess attiv li hu differenti minn prattiċi iktar passivi.

> *The perceived dominant trend is that of a relative decline and a loss of "literary culture" among young people, which is naturally lamented by older interviewees. The attraction of the Internet and audio-visual media in general is identified as one of the main causes, accompanied by school curricula that devote less time to it.*

Jidher li l-qari tal-gazzetti qed jonqos fost iż-żgħażagħ, li jew ma jaqrawhomx, jew jaqrawhom biss darba jew darbtejn fil-ġimgħa, jew jarawhom online. Il-magażins, dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, huma popolari fil-pajjiżi kollha. *"Whether or not this is 'cultural' is debatable, but for the most part it is clearly seen as a "cultural" act in the broader sense of the term, in that they do not just provide information and knowledge but also stimulate reflection, and contribute to the overall cultural landscape (they reflect and create the 'surrounding culture')."*

Studju li sar f'Novembru 2000 dwar is-sehem tal-Maltin ta' 'l fuq minn 16-il sena f'attivitajiet kulturali, 308,441 b'kollox, jaqbel mar-riżultati tal-istħarriġ tal-2007 fejn jidħol il-qari tal-kotba. L-istħarriġ sar fuq kampjun ta' 970 persuna magħżula skond kif jiġu dak il-ħin u l-intervistati kellhom iwieġbu dwar is-sehem tagħhom f'attivitajiet kulturali bejn l-1 ta' Novembru 1999 u l-31 ta' Ottubru 2000. 22% tal-Maltin qalu li f'sena qraw mill-inqas ktieb wieħed għall-istudju waqt li 44% qalu li qraw ktieb għal raġunijiet oħra. Dan jaqbel mal-45% tal-istħarriġ li sar fl-2007. 14% qalu li żaru librerija għall-gost waqt li 7.6% qalu li marru l-librerija minħabba l-istudju jew ix-xogħol. 6.1% qalu li żaru arkivju mill-inqas darba f'sena; 1.2% qalu li żaru arkivju mill-inqas 5 darbiet f'sena.

Il-maġġoranza tal-Maltin, 61.13%, jippreferu jaqraw kotba bl-Ingliż; 35.75% jippreferu jaqraw kotba bil-Malti. 3.1% jagħżlu kotba bit-Taljan. L-għażla tal-lingwa tal-magażins kienet simili: 71% jippreferu jaqraw magażins bl-Ingliż waqt li 22.7% jippreferu magażins bil-Malti u 6.5% magażins bit-Taljan. 86.23% qalu li jitkellmu bil-Malti, waqt li 11.76% qalu li jippreferu jitkellmu bl-Ingliż. Kważi 2% jippreferu jitkellmu bit-Taljan.

## Il-Baħar Mediterran u dak li m'aħniex nagħmlu

F'konferenza dwar il-qari li saret mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-1 ta' Marzu, 2008, kelliema minn bosta oqsma tas-soċjetà Maltija, mill-pubblikazzjoni sal-istituzzjonijiet edukattivi, innutaw din it-tendenza negattiva fejn jidħol il-qari fost il-pajjiżi Mediterranji. Kien hemm min saħaq li dan għandu x'jaqsam mal-istil tal-ħajja tagħna, mal-klima, mal-importanza li nagħtu lis-soċjalizzazzjoni. Iżda jibqa' l-fatt li Malta tinsab fil-qiegħ nett tal-klassifika tal-qari, u għalkemm ix-xemx u l-baħar aktarx li jaħtu wkoll, għall-kuntrarju tal-pajjiżi l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea, Malta mhix

tippromwovi l-qari u l-kotba, u dan żgur li huwa fattur importanti fil-falliment tagħna f'dan il-qasam kruċjali.

F'dawn l-aħħar sjuf, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, bir-riżorsi limitati li ngħatawlu, mexxa inizjattiva medjatika żgħira biex il-Maltin jieħdu ktieb magħhom ħdejn il-baħar. M'għandix dubju li din l-inizjattivaqed tħalli l-effett pożittiv tagħha, imma biex tkun tassew effettiva nafu li trid tkun parti minn kampanja nazzjonali komprensiva li jkollha l-appoġġ sħiħ tal-klassi politika li s'issa, fil-biċċa l-kbira tagħha, kienet għal kollox indifferenti lejn din il-problema, u tinvolvi oqsma differenti tal-ħajja Maltija, fosthom, fuq quddiem nett, il-mezzi tax-xandir.

Bosta pajjiżi Mediterranji u Ewropej qed jaħdmu biex jippromwovu l-qari u l-letteraturi tagħhom u l-inizjattivi tagħhom jagħtu ħjiel ta' dak li nistgħu nagħmlu aħna wkoll. Naħseb li l-promozzjoni tal-qari f'Malta u l-promozzjoni tal-letteratura Maltija f'pajjiżna u lilhinn mix-xtut tagħna huma marbutin flimkien. Fid-diskors tiegħi fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena nixtieq nipproponi għadd ta' inizjattivi prattiċi li, iktar minn boroż kbar ta' flus, jitolbu att ta' fidi fil-kotba u fil-kontribut li kapaċi jagħti l-qari lill-kwalità tal-ħajja u l-futur tal-Maltin.